MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-14 ta' Ottubru, 2020

Appell Inferjuri Numru 100/2016/1LM

**Impel Communications Company Limited (C 36517)**
*(is-soċjetà appellata)*

***vs.***

**Alfen Trading Company Limited (C 4407)**
*(is-soċjetà appellanta)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà konvenuta **Alfen Trading Company Limited (C 4407)** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellanta"] mid-deċiżjoni mogħtija fil-25 ta' Jannar, 2019, [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni

appellata"], mit-Tribunal Għal Talbiet Zgħar [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"], li permezz tagħha ddeċieda billi laqa' t-talba tas-soċjetà attriċi **Impel Communications Company Limited (C 36517)** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellata"] billi kkundanna lis-soċjetà appellanta tħallas lis-soċjetà appellata s-somma ta' €2,857.92ċ (elfejn tmien mija sebgħa u ħamsin Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu), bit-taxxa fuq il-valur miżjud inkluż u bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tad-deċiżjoni appellata.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta' dan l-appell jirrigwardaw servizz ta' reklamar mogħti mis-soċjetà appellata lis-soċjetà appellanta, kif jirriżulta mill-*Booking Order* a *fol.* 15 tal-proċess. Fil-ftehim anness mal-*Booking Order* ġie pattwit fost affarijiet oħra, li l-materjal tar-reklamar kellha tgħaddih is-soċjetà appellata lis-soċjetà appellanta, li min-naħa tagħha kellha d-diskrezzjoni li xxandar ir-riklami bil-mod kif kien jidhrilha xieraq. Ġara li kien hemm bżonn xi tibdil fil-materjal tar-reklamar u s-soċjetà appellata offriet li tagħmel dan mingħajr ħlas. Iżda ġara li din għaddiet sabiex xandret ir-riklami mingħajr ma wriethom lis-soċjetà appellanta, li min-naħa tagħha meta rathom esprimiet li ma kinux a sodisfazzjon tagħha.

**<u>Mertu</u>**

3. Is-soċjetà appellata intavolat proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta' Avviż fit-22 ta' Marzu, 2016, għall-ħlas tas-somma ta'

€2,857.92ċ (elfejn tmien mija sebgħa u ħamsin Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu), u dan flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

4. Is-soċjetà intimata, hawnhekk appellanta, wieġbet għat-talba tas-soċjetà appellata billi eċċepiet li: (a) is-servizzi mogħtija mis-soċjetà appellata ma kinux kif miftiehem; (b) fl-ammont pretiż kien hemm inkluż il-VAT fejn qatt ma kienet inħarġet irċevuta; (ċ) il-preskrizzjoni tal-azzjoni *ai termini* tal-artikolu 2147 *et seq*. tal-Kap. 16.

5. Permezz ta' nota ppreżentata fid-9 ta' Ġunju, 2016, is-soċjetà appellanta irtirat l-eċċezzjoni tagħha tal-preskrizzjoni.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

6. It-Tribunal wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"**Ikkonsidra,***
>
> *Illi dan huwa ftehim ta' appalt bejn il-partijiet għal servizzi ta' reklamar u a fol 17 skont il-ftehim li ffirmat is-soċjetà konvenuta jgħid li: "*The production of any TVC commercial is to be handed by the advertise to Impel Communications at least a week prior the desired air-date to guarantee on-time issuing. Impel have the liberty to air and place the adverts in any way they deem fit."
>
> *Illi f'materja kontrattwali:*
>
> *(a) L-ftehim hu liġi għal partijiet kontraenti (Artikolu 992(1) tal-Kodiċi Ċivili; **"Carmelo Bajjada noe vs Fr Saviour Cachia et noe"(Appell Kummerċjali 16 ta' Lulju 1973);***

*(b) Hi regola li l-kuntratti jiġu eżegwiti bil-bona fidi (artikolu 993 Kodiċi Ċivili;* ***vol XXI P1 p283)****;*

*(c) Hi ukoll regola ben affermata li kontra l-miktub mhumiex ammissibbli provi mhux miktuba (*Contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur")

*B'danakollu* "è indubitato altresi che per diritto robatorio si ammette la prova testmonial allo scopo di chiarire le oscurità, le ambiguità e la incertezza dell'atto contrattuale per rendere palese quale sia stata l'intenzione dei contraenti; oiche' in tale caso non si tratterebbe di prova orale in contraddizione od in aġġunta alla prova scritta, ma si tratterebbe invece di prova testimonial tendente a confermre il contenuto dell'atto scritto ed a dimostrare la vera intenzione dei contraenti che da quell'atto, sena il sussidio della prova testimonial, potrebbe risultare oscura od apparire incera o ambigua" **(Vol XXV P1 p 150)**

*Fil-każ ta'* ***Terence Mirabelli vs James Schembri deċiża fil-31 ta' Jannar, 2003*** *intqal li:* "In materja ta' kuntratti l-prinċipju bażiku jibqa dak li "pacta sunt servanda". Dan in kwantu l-kuntratt għandu saħħa ta' liġi għal dawk li jagħmluh (Artikolu 992(1) tal-Kodiċi Ċivili) u ma jistax jiġi mħassar hlief bil-kunsens ta' xulxin jew għal raġunijiet mil-liġi magħrufa (Artikolu 992(2) tal-Kodiċi Ċivili). Inoltre hu mistenni li dan jiġi esegwit bil-bona fidi u in effetti jobbliga mhux biss għal dak li jingħad fih iżda ukoll għal konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi (Artikolu 993 Kap 16).

Ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid li meta l-kliem tal-kuntratt meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar m'hemmx lok għal-interpretazzjoni (Vol XXXIV.i.pg27). L-interpretazzjoni għandha tittieħed mill-att innifsu u mhux minn provi estraneji speċjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva għal kwisjtoni prinċipali.

Illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx mal-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher ċar mill-pattijiet meħudin flimkien, għandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan din il-Qorti, diversament presjeduta, spjegat li *"din ir-regola għandha tiġi sewwa apprezata u applikata".* Irid jirriżulta bla dubju li s-sens tal-klawsola li tkun jista' biss jiġi interpretat b'mod inekwivoku għaliex hu ċar. Irid jirriżulta wkoll li dan is-sens ċar tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'moħħhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li waħda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-partijiet kollha tal-kuntratt meħudin flimkien **(J Bartolo et vs A Petroni 7.10.1997)**.

Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti għal kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jagħtu lill-kliem li jiswa imma dak li huwa mportanti *"hu l-qari oġġettiv tal-Ġudikant li jagħti lil-kliem is-sens ordinarju tiegħu fis-sens ta' kif ġie użat mill-kontradenti li għandu jorbot"* (**J. Zammit vs Michael Zammit Tabona et noe App.sup. 28.2.1997**).

Hekk ukoll fis-sentenza Ġemma Fenech vs John Bugeja deċiża fl-20 ta' Ottubru, 2003, ingħad li: *"tajjeb li jiġi osservat ukoll qabel kull kunsiderazzjoni tal-meritu li huwa paċifiku f'materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti li meta d-diċitura ta' kuntatt hija waħda ċara allura ma huwiex leċitu għal Qorti li tipprova tinterpretah billi tindaħal x'kienet il-motivazzjoni tal-kontraenti meta kkonkludew il-ftehim. Dan jinsab rispekkjat ukoll fl-Artikolu 1002 tal-Kap 16.*

Illi imbagħad ferm assodat bħala prinċipju ta' interpretazzjoni illi 'contra testimonium scriptum, tesimonium non scriptum non aufeter.' Dan fis-sens li mhux ammess li provi orali jfissru dak li fih innifsu diġa huwa ċar **(Joseph Gatt vs Joseph Galea 14.4.1975)** u l-kontraenti ma jkunux jistgħu jippruvaw permezz ta' testimoni dak li ma jirriżulta, jew jirriżulta ekluż mill-istess kuntratt **(Vol XXXIX.ii.p855)** u r-rassenja ta' ġurisprudenza f'din is-sentenza kontemplata".

*Illi permezz tal-ftehim bejn il-partijiet is-soċjetà konvenuta kellha tipprovdi hija l-materjal ta' riklamar u tat l-awtorizzazzjoni lis-soċjetà attriċi li xxandar dawn ir-riklami u tpoġġihom kif jidhrilha hi* – the liberty to air and place the adverts in any way they deem fit."

*Illi inoltre dan, fis-sentenza mogħtija mill-**Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-09 ta' April, 1968 fil-kawża Busuttil vs Fedele et** fejn kienet ċitata s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ mogħtija fid-09 ta' Marzu, 1939 fil-kawża **Micallef vs Mamo et noe (Vol XXX.III.433)** il-Qorti qalet hekk:*

"2. Il-kuntratt ta' appalt huwa kuntratt bilaterli u dejjem soġġett għal patt kommissorju taċitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-eżekuzzjoni jkunu ppruvati, l-kriterju essenzjali tad-deċiżjoni tinsab fl-eżami jekk ix-xogħol ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali. Dawn huma dawk id-difetti, imsejħin ukoll essenjzali, li jippruvaw il-ħaġa mill-iskop jew mill-utilità tagħhom b'mod li ma tibqax tikkorrispondi għad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xogħol waqt li l-oħrajn kollha għandhom jiġu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali, l-kommittent għandu d-dritt jitlob ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt minħabba l-inadempjenza. Meta għal kuntrarju d-difett ma jkunx sostanzjali l-appaltatur ma jistax jiġi ritenut inadempjenti però jibqa' obbligat li jirripara d-difetti jew jaċċetta riduzzjoni."

*Ikkonsidra ulterjorment*

*Illi skont il-ftehim ta' appalt bejn il-partijiet għal servizzi ta' reklamar u a fol 17 skont il-ftehim li ffirmat is-soċjetà konvenuta jgħid li:* "The production of any TVC commercial is to be handed by the advertise to Impel Communications at least a week prior to the desired air-date go guarantee on-time issuing. Impel have the liberty to air and place the adverts in any way they deem fit." *L-istess ftehim jgħid li x-xogħol ta' reklamar kellha tipprovdih is-soċjetà konvenuta. Li tali ftehim kien għal tnejn u ħamsin spot ta' ħmistax-il sekonda kull wieħed u dan għal ħlas ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) plus erba' mija u ħamsin ewro (€450) vat total ta' elfejn disgħa mija u ħamsin ewro (€2,950). Il-ftehim ġie ffirmat fis-06 ta' Ottubru, 2014.*

*Mill-provi jirriżulta li dan ix-xogħol is-soċjetà konvenuta provdiet il-materjal tardivament; u li meta dan it-Tribunal qies il-lanjanzi tas-soċjetà konvenuta kif elenkati f'Dok AT a fol 71 et, huwa jqis li d-difetti li jammontaw għal disgħa (9) minn dawn id-dokumenti, ma kienux sostanzjali tant li s-soċjetà konvenuta ebda prova ta' telf ta' bejgħ ma resqet.*

*Issa veru li l-ftehim ma kienx jawtorizza lis-soċjetà attriċi li tbiddel ix-xoghol ta' reklamar provdut lilha anke jekk kif qed issostni hi li dan ma kienx tort tagħha iżda għax il-materjal provdut lilha kien ukoll difettuż iżda l-fatt li s-soċjetà konvenuta ma lmentatx li s-soċjetà attriċi tagħmel tali* editing*, (Vide l-email tas-27 ta' Frar, 2015 a fol 33 esebit mis-soċjetà konvenuta stess) iżda lmentat għal mod kif sar tali* editing*, iwassal lil dan it-Tribunal jikkonkludi li s-soċjetà attriċi ma kellhiex tort f'dak li ġara. U kieku s-soċjetà attriċi provditilha l-materjal fil-ħin u mhux difettuż kieku ma kienx jiġri dak li ġara. Għaldaqstant is-soċjetà attriċi ma għandhiex issofri danni.*

*Rigward il-*quantum*, ma nġabet ebda prova li kien sar pagament akkont mis-soċjetà konvenuta jew li saret forma ta' tpaċija għal fornitura li s-soċjetà konvenuta allegat li ssupplixxiet lis-soċjetà attriċi u għalhekk hija tista' biss tikkunsidra l-ammont mitlub u ma tidħolx fil-kwistjoni kif dan ġie ridott mis-soċjetà attriċi tenut kont li t-talba mhix għal bilanċ ta' somma akbar iżda għal ħlas ta' servizzi mogħtija skont il-ftehim tas-06 ta' Ottubru, 2014."*

## **<u>Ir-Rikors tal-Appell</u>**

7. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-14 ta' Frar, 2019, fejn talbet sabiex din il-Qorti tirrevoka u tħassar id-deċiżjoni appellata u

dan filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha u tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata. Hija ressqet is-segwenti aggravji: (a) is-soċjetà appellata kienet responsabbli għall-kwalità tar-riklami; (b) it-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-fatti; (ċ) it-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li d-difett ma kienx wieħed sostanzjali fir-riklami; (d) hija ġiet ikkundannata tħallas is-somma kollha pretiża meta peress li kien irriżulta li r-riklami ma kinux ġew imxandra kollha u oħrajn kellhom difetti sostanzjali, din ma kinitx dovuta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata u tar-risposta tas-soċjetà appellata

*L-ewwel aggravju:* *is-soċjetà appellata kienet responsabbli għall-kwalità tar-reklami*

*It-tieni aggravju:* *it-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-fatti u tal-provi prodotti*

Il-Qorti tibda billi tgħid li ser tittratta dawn iż-żewġ aggravji flimkien stante li l-konsiderazzjonijiet tagħha jolqtu lit-tnejn li huma.

Is-soċjetà appellanta tissottometti li hija tħossha aggravata bis-sentenza appellata fejn ġie deċiż li s-soċjetà appellata ma kellha l-ebda tort u responsabbilità għall-kwalità ħażina u mhux xierqa tar-riklami inkwistjoni. Tispjega li skont il-ftehim bejn il-kontendenti, hija kienet obbligata li tgħaddi r-riklami lis-soċjetà appellata, u dan f'*powerpoint format* kif miftiehem verbalment, iżda dik is-soċjetà appellata naqset milli turi r-riklami kif mgħoddija lilha. Ir-rappreżentant tas-soċjetà appellata Jean Claude Micallef spjega r-raġuni għal dan meta qal li r-riklami kif provduti mis-soċjetà appellanta kellhom dak li sejjaħ 'xi problemi', li wara kollox l-imsemmija soċjetà appellanta tinsisti ma kienx ġie sodisfaċjentement ippruvat, u għalhekk kien sar xi *editing* min-naħa tas-soċjetà appellata. Issottomettiet li f'dak il-każ is-soċjetà appellata ma kellhiex tieħu l-inizjattiva u tirranġa l-allegati problemi u ġaladarba għamlet dan minn jeddha, issa hija kienet responsabbli għax-xogħol ħażin u għan-nuqqasijiet li sar f'dak l-*editing* u tiċċita deċiżjoni tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, tat-28 ta' Frar, 2003, Ċit. Numru 446/1994 fl-ismijiet **Francis Stivala noe *vs.* Hector Borg pro et noe** in sostenn tal-argument tagħha. Hawn tgħid li t-Tribunal għaraf li l-ftehim bejn il-partijiet ma kienx jawtorizza lis-soċjetà appellata tbiddel minn jeddha x-xogħol ta' reklamar li ngħatat mis-soċjetà appellanta. Hekk ukoll għaraf li kien hemm sensiela ta' reklami li kienu difettużi u b'hekk ma seta' qatt jiddeċiedi li s-soċjetà appellata ma kellha l-ebda tort għal dak li ġara. Sabiex issaħħaħ l-argument tagħha s-soċjetà appellanta tagħmel riferiment għal sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-6 ta' Ottubru, 2004, rikors numru 323/2002 fl-ismijiet **Pierre Darmanin vs Moira Agius et**. Is-soċjetà appellanta tispjega t-tieni aggravju tagħha billi tgħid li l-mod ħażin li bih apprezza l-provi t-Tribunal wassal sabiex

dan jiddeċiedi li s-soċjetà appellata *"ma kelliex tort f'dak li ġara".* Hawnhekk it-Tribunal kien straħ fuq *email* ta' Jean Claude Micallef fejn ingħad li *"We have always worked on the guidelines given and when instructed commissioned the changes",* meta din l-allegazzjoni kienet għalkollox inveritiera. Tgħid li dan il-kliem kienu ġew ribattuti permezz ta' provi oħra, fosthom *email*[1] ta' ċertu J. Zammit għan-nom tas-soċjetà appellanta u sensiela ta' *emails* ta' Etienne Fenech, ukoll għan-nom ta' dik is-soċjetà, fejn saru diversi lmenti ripetuti dwar il-kwalità ħażina tar-riklami. Is-soċjetà appellanta tgħid li jkun utli hawnhekk li wieħed iħares ukoll lejn ir-risposta ta' Jean Claude Micallef a *fol.* 101 tal-proċess.

It-Tribunal fid-deċiżjoni appellata għaraf li skont il-ftehim bejn il-kontendenti, is-soċjetà appellanta kellha l-obbligu li tforni hija stess il-materjal ta' reklamar lis-soċjetà appellata, b'dana li tat lil din tal-aħħar l-awtorizzazzjoni li xxandar u tpoġġihom kif kien jidhrilha hi. Minn hawnhekk it-Tribunal għadda sabiex iċċita silta mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, tad-9 ta' April, 1968, fl-ismijiet **Busuttil *vs.* Fedele et.** Osserva li s-soċjetà appellata ma kellha l-ebda dritt skont il-ftehim ta' bejn il-partijiet li tbiddel il-materjal ta' reklamar mgħoddi lilha, iżda min-naħa l-oħra s-soċjetà appellanta ma għamlet l-ebda lment dwar dan u lmentat biss dwar il-mod kif sar tali *editing.* Dan wassal lit-Tribunal sabiex jgħid li s-soċjetà appellata ma kellha l-ebda tort f'dak li kien ġara. Magħdud ma' dan il-fatt li l-materjal kienet għaddietu tardivament lis-soċjetà appellata, it-Tribunal sab illi li kieku s-soċjetà appellanta pprovdiet il-materjal

[1] *A fol.* 34.

fil-ħin lis-soċjetà appellata, ma kienx jiġri dak li effettivament ġara u għalhekk is-soċjetà appellata ma kellhiex tinżamm responsabbli għad-danni.

Il-Qorti tgħid li t-Tribunal għaraf sew li permezz tal-ftehim ta' bejniethom[2], is-soċjetà appellanta filwaqt li ntrabtet li tgħaddi l-materjal ta' reklamar lis-soċjetà appellata ta' mill-inqas ġimgħa qabel id-data meta kellu jidher ir-riklam, tat ukoll id-diskrezzjoni lil din is-soċjetà *"...to air and place the adverts in any way they deem fit"*. Min-naħa tiegħu Etienne Fenech, rappreżentant tas-soċjetà appellanta, ippreżenta dikjarazzjoni[3] fejn sostna li:

> *"...jiena kelli a spejjes tiegħi ngħaddi l-*artwork *lest fuq* pendrive*, f'*power point format *u dawn kellhom jiġu* aired*/murija kif tagħjtomlhom jiena ... Nagħmilha ċara li aħna qatt ma ġejna murija kopja ta' kif dawn kienu ser jiġu* aired *għaliex aħna konna bl-intendiment li dawn kienu ser jiġu* aired *kif konna bgħatniehom. DAN KIEN IL-FTEHIM BEJNIETNA. Però meta waslet il-ġurnata aħna ħadna xokk għaliex l-*adverts *ma kinux dawk li aħna konna għaddejnielhom. ... Il-problema nqalgħet proprju għaliex aħna qatt ma ġejna murija d-*demos *tal-*adverts*. Nirrepeti dan għaliex aħna konna ngħatajna l-impressjoni li l-*adverts *kellhom jkunu dawn li tajniehom aħna."*

Il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li tali dikjarazzjoni mhix ġuramentata u għalhekk mhix l-aħjar prova li setgħet titressaq mis-soċjetà appellanta. Sussegwentement l-istess xhud xehed in kontroeżami fejn fl-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2017, ikkonferma l-ftehim ta' bejn il-partijiet:

> *"Jiena kont ftihemt mal-kumpannija li ħa noffri – nippreżenta r-reklam jiena l-*advertisement *li ppreparajt jiena u jixxandar kif eżatt ipproġettajtu jiena."*[4]

---

[2] *A fol.* 17.
[3] Dok. AT(1) *a fol.* 30.
[4] *A fol.* 65.

Dan il-fatt ma jidhirx li ġie kkontestat mis-soċjetà appellata. Id-direttur ta' din is-soċjetà Jean Claude Micallef, meta xehed in kontroeżami waqt l-udjenza tad-9 ta' Frar, 2018, qal hekk:

> *"...Jekk wieħed jara l-affarijiet kif suppost kellu jipprovdi l-materjal biex jixxandar, din ma ġratx. Mhux suppost illi pprovajna ngħinuh aħna lill-klijent biex min joħroġ minn diffikultà ...".*

Mill-iskambju ta' *emails* bejn dawn iż-żewġ xhieda, jirriżulta li Etienne Fenech kien ikkomunika ma' Jean Claude Micallef fil-5 ta' Frar, 2015,[5] fejn infurmah li r-riklami li kienu diġà dehru kienu ħżiena għaliex ma kinux ġew approvati minnu u anki għaliex kien hemm xi żbalji li riedu jitranġaw. Irrileva fl-istess *email* li huwa kien għal darb'oħra rċieva *proof* ieħor mingħand is-soċjetà appellata fejn reġa' deher l-istess żball. Dan jirriżulta mill-iskambju ta' *emails*[6] bejn l-istess Etienne Fenech u ċertu Maria Mallia, *Credit Control/Production Asst.* mas-soċjetà appellata, u anki minn kif jgħid li dehru r-riklami.[7] Min-naħa tiegħu Jean Claude Micallef fir-risposta tiegħu ma kkommettiex ruħu u kompla jinsisti fuq il-ħlas. L-istess ilment reġa' għamlu ċertu J. Zammit mill-*Accounts Department* tas-soċjetà appellanta f'*email* tas-27 ta' Frar, 2015,[8] fejn din id-darba talab li jieqaf ir-reklamar kollu, filwaqt li talab lil Jean Claude Micallef sabiex jgħaddi sal-uffiċċju tiegħu *"...so that we could arrange for payments.".* Fir-risposta[9] tiegħu Jean Claude Micallef saħaq li huma dejjem imxew skont l-istruzzjonijiet fir-rigward tal-bidliet li kellhom isiru, u dan a spejjeż tas-soċjetà appellata, sabiex b'hekk ukoll jiġu evitati spejjeż ulterjuri lis-soċjetà appellanta.

[5] *A fol.* 36.
[6] *A fol.* 97.
[7] *A fol.* 44 *et seq.*
[8] *A fol.* 34.
[9] *A fol.* 33.

Jgħid li huwa kien aċċetta li jitwaqqaf ir-reklamar, iżda eżiġa li l-ħlas tal-ammont sħiħ kien dovut flimkien mat-taxxa fuq il-valur miżjud, mhux aktar tard minn ħamest ijiem.

Il-Qorti tikkonsidra li l-ewwel osservazzjoni li jagħmel it-Tribunal fid-deċiżjoni appellata fir-rigward tas-saħħa ta' ftehim bejn il-partijiet kontraenti, hija ferm rilevanti fil-kuntest tal-każ odjern. Kif diġà ġie rilevat aktar 'il fuq f'din is-sentenza, is-soċjetà appellata ngħatat id-diskrezzjoni min-naħa tas-soċjetà appellata sabiex ixxandar u tqiegħed ir-reklami kif kien jidhrilha, iżda tgħid li dan kellu jsir bil-bona fidi u għalhekk pertinenti wkoll hija t-tieni osservazzjoni tat-Tribunal dwar il-materja ta' kuntratti. Fil-każ odjern jirriżulta li s-soċjetà appellata ppruvat taqdi sew lill-klijenta tagħha minkejja li din kienet għaddiet il-materjal ta' reklamar tard, u minkejja li dan kellu bżonn xi tibdil, liema tibdil saħansitra aċċettat l-istess soċjetà appellata li tagħmlu a spejjeż tagħha sabiex il-klijenta tagħha tevita spejjeż ulterjuri.[10]

Il-Qorti tirrileva li kien proprju f'dan il-mument li l-partijiet biddlu l-ftehim ta' bejniethom. Is-subartikolu 992(2) tal-Kap. 16 jipprovdi li kuntratt ma jistax jitħassar jekk mhux bil-kunsens taż-żewġ partijiet u għalhekk il-kontendenti f'kull ħin kellhom id-dritt li bil-kunsens ta' xulxin ibiddlu l-ftehim oriġinali ta' bejniethom. Issa kif sewwa osserva t-Tribunal, dan il-ftehim ma kienx jagħti d-dritt li s-soċjetà appellata tbiddel dak il-materjal, anki jekk dan kien difettuż, iżda s-soċjetà appellanta ma għamlet l-ebda ilment dwar il-fatt *per se* li sar it-tibdil fil-materjal ta' reklamar, u għalhekk il-Qorti tgħid li l-*editing* sar bil-kunsens taż-żewġ partijiet. Kif ukoll josserva t-Tribunal, l-ilment tas-soċjetà

[10] Ara xhieda Jean Paul Micallef, seduta 9 ta' Frar, 2018, *a fol.* 75 u 76.

appellanta huwa fir-rigward tal-mod li bih sar l-*editing* tal-materjal li hija kienet għaddiet lis-soċjetà appellata. Iżda huwa proprju hawnhekk li l-Qorti ma taqbilx mat-Tribunal, fejn saħaq illi *"...dan it-Tribunal jikkonkludi li s-soċjetà attriċi ma kellhiex tort f'dak li ġara. U kieku s-soċjetà attriċi provditilha l-materjal fil-ħin u mhux difettuż kieku ma kienx jiġri dak li ġara. Għaldaqstant is-soċjetà attriċi ma għandhiex issofri danni".* Meta s-soċjetà appellata aċċettat li tagħmel it-tibdil fil-materjal ta' reklamar mgħoddi lilha mis-soċjetà appellanta, ovvjament dejjem sabiex jittejjeb dak il-materjal, hija ntrabtet li tagħmel dan ukoll bil-bona fidi. L-*email* ta' J. Zammit tas-27 ta' Frar, 2015, li diġà din il-Qorti kellha l-opportunità li tagħmel riferiment għaliha, turi li s-soċjetà appellata mhux biss għamlet xogħol ħażin, iżda naqset ukoll li ssewwi l-iżball u xandret ix-xogħol ħażin kif kien saħansitra għal perijodu ta' tliet xhur sħaħ. Għalhekk din il-Qorti ma taqbilx li dan kollu kienet taħti għalih is-soċjetà appellanta, meta ġie ukoll stabbilit li hija ġibdet l-attenzjoni tas-soċjetà appellata diversi drabi matul dawk it-tliet xhur bil-għan li l-iżball jissewwa u r-riklami jixxandru sew.

Għaldaqstant il-Qorti ssib l-ewwel u t-tieni aggravji tas-soċjetà appellanta ġustifikati u tilqagħhom.

*It-tielet aggravju:* *it-Tribunal ma ddeċidiex sew meta qal li d-difett ma kienx wieħed sostanzjali*

9. Is-soċjetà appellanta tgħid li tħoss ruħha aggravata wkoll bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex dan sostna li d-difett ma kienx wieħed sostanzjali fil-materjal ta' reklamar bit-tibdil li sar mis-soċjetà appellata, u dan għaliex *"il-*

*konvenuta ebda prova ta' telf ta' bejgħ ma ressqet".* Tgħid li meta wieħed jixtarr sew l-iskop ewlieni tar-riklami li jippromwovi d-ditta 'Rio Yachts' u l-isem tal-mudell partikolari, isib li r-raġunament tat-Tribunal kien wieħed żbaljat.

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellanta u ma tikkunsidrax li l-kwistjoni ta' telf ta' bejgħ, li wara kollox tistrieħ fuq klijenti potenzjali li ċertament ma tistax taf bihom is-soċjetà appellanta, għandha rilevanza. Kif diġà ngħad aktar 'il fuq, is-soċjetà appellata meta aċċettat li tagħmel it-tibdil fil-materjal ta' reklamar, hija ntrabtet li dan tagħmlu bil-bona fidi, apparti li kellha tagħmlu ukoll skont is-sengħa u l-arti, u fin-nuqqas li tagħmel dan, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-Kap. 16 hija tkun responsabbli għall-ħsara li tirriżulta.

Għaldaqstant il-Qorti ssib l-aggravju ġustifikat u tilqgħu.

*Ir-raba' aggravju:* *it-Tribunal ma kkunsidrax ir-riklami mhux imxandra u dawk maħkuma minn difetti meta kkundanna lis-soċjetà appellanta għall-ħlas tas-somma pretiża*

10. Ir-raba' aggravju tas-soċjetà appellanta jirrigwarda l-kundanna għall-ħlas tas-somma pretiża. Is-soċjetà appellanta qiegħda tippretendi li hija kellha tiġi meħlusa mill-obbligu tal-ħlas lis-soċjetà appellata minħabba l-inadempjenza ta' din tal-aħħar, imma jekk għandu jitqies li tali difetti ma kinux daqstant sostanzjali, hija ma kellha qatt tiġi kkundannata tħallas is-somma fl-intier tagħha, aktar u aktar meta wieħed jikkunsidra li r-riklami ma xxandrux kollha.

Hija tiċċita l-ġurisprudenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla in sostenn tal-argument tagħha li fejn ix-xogħol ma jkunx sar b'mod sew, l-appaltatur ma jkollux dritt għall-ebda parti mill-ħlas, iżda fejn in-nuqqas ma jkunx wieħed sostanzjali, f'dak il-każ l-appaltatur ikollu l-obbligu li jirripara u jagħmel tajjeb għad-difett jew li jaċċetta riduzzjoni fil-prezz.

It-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, filwaqt li rrileva li d-difetti jirriżultaw f'disgħa mid-dokumenti esebiti bħala Dok. AT a *fol.* 71, ikkonstata wkoll li dawn ma kinux ta' natura sostanzjali tant li s-soċjetà appellanta ma ġabet l-ebda prova ta' telf ta' bejgħ.

Il-Qorti ma taqbilx ma' dak li qal it-Tribunal. Meta eżaminat Dok. AT, fejn hemm elenkati d-differenzi bejn il-materjal li għaddiet is-soċjetà appellanta lis-soċjetà appellata għall-fini ta' reklamar u r-riklami li fil-fatt ġew imxandra, jirriżulta li t-tibdil li sar mis-soċjetà appellata riżultanti fl-allegati difetti fir-riklami, huwa wieħed pjuttost sostanzjali. Dan qed jingħad għaliex fejn f'uħud mir-riklami id-deskrizzjoni jew il-mudell tad-dgħajsa li tidher fir-riklam bilkemm baqa' jinqara meta l-isem u l-*website* tal-bejjiegħ inkiteb fuq ir-riklam, f'oħrajn l-informazzjoni tal-bejjiegħ tħalliet barra għalkollox mir-riklam. Ma jirriżultax lil din il-Qorti li saru xi reklami kif kien miftiehem mill-partijiet.

Ġaladarba l-Qorti qiegħda tikkonsidra li r-riklami dehru b'difetti sostanzjali, tqis li s-soċjetà appellata kienet inadempjenti fl-obbligi tagħha lejn is-soċjetà appellanta u għalhekk m'hemmx lok ta' ħlas għas-servizzi reżi. Għalhekk hija wkoll irrilevanti hawnhekk il-kwistjoni jekk għandux ikun hemm riduzzjoni fil-prezz, filwaqt li l-Qorti qiegħda tieħu inkonsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-ordni

ġiet ikkanċellata mis-soċjetà appellanta wara li hija rat li r-riklami ma kinux qegħdin jidhru kif xtaqet.

Għaldaqstant din il-Qorti qed issib ukoll dan l-aħħar aggravju ġustifikat u tilqgħu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tilqgħu u tirrevoka u tħassar id-deċiżjoni appellata, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-istess soċjetà appellanta u tiċħad it-talbiet tas-soċjetà appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-istess soċjetà appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**